# L-Erbgħa u Għoxrin Lezzjoni:  Amen

- Ħafna mit-talb li ngħidu, kemm jekk ikun personali u kif ukoll bl-amment, nispiċċawh bil-kelma Amen.  Din il-kelma aħna nifhmuha bħala:  *Iva, aħna nemmnu dak li għedna.  Dak li tlabna nemmnu li se jsir*.
- Xi kultant ngħidu l-kelma Amen wara xi talba li jkun qal ħaddieħor bħal per eżempju fil-quddiesa.  B'hekk inkunu rridu nfissru li aħna naqblu ma' dak kollu li jkun qal u l-istess talba tiegħu hija t-talba tagħna.
- Il-kelma Amen ġejja mil-lingwa Lhudija.  Iżda l-Lhud ma kinux jgħiduha biss wara t-talb iżda bħala tifsira ta' Iva.
- Hawnhekk niltaqgħu mal-ġrajja sabiħa ta' Esdra l-qassis li darba ġab il-ktieb tal-Liġi u beda jaqra minn x'ħin sebaħ sa nofsinhar.  X'ħin spiċċa, il-poplu Lhudi qam bil-wieqfa u beda jgħajjat Amen! Amen!  Huma nxteħtu għarkubbtejhom b'wiċċhom ma' l-art biex jagħtu qima lil Alla.
- Hawnhekk l-Amen tal-poplu Lhudi kienet tfisser li kien lest li jagħmel ir-rieda t'Alla.
- L-akbar iva lil Alla qalhielu Ġesu' stess.  Dan għamlu billi fittex li fil-ħajja pubblika tiegħu iwettaq dak kollu li ħejja għalih Alla l-Missier.
- Iva oħra kbira qalithielu Marija Santissima li qaltlu, *Ħa jsir minni skond kelmtek*.
- Aħna wkoll irridu li lil Ġesu' ngħidulu Iva.  Dan nagħmluh billi:

- Nadurawh u nagħtuh il-qima li tixraqlu;
- Nħobbuh b'qalbna kollha;
- Nfittxu li nagħmlu li jgħidilna dejjem u kullimkien